# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 5 ta' Ottubru, 2022**

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru.919/2021 ISB**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino (K.I. 555482M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta estera Integral Petroleum SA, soċjeta reġistrata fl-Isvizzera bin-numru ta' reġistrazzjoni CHE-114.480.291 u b'indirizz ta' 6, Rue de la Confederation 1204, Geneva fl-Isvizzera**

**vs**

**Melars Group Limited (C73465)**

**DIN HIJA SENTENZA PARZJALI ILLI TITTRATTA L-ĦAMES EĊĊEZZJONI MRESSQA MIS-SOĊJETA` INTIMATA FIR-RISPOSTA TAGĦHA TAL-15 TA' NOVEMBRU 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tas-soċjetá rikorrenti, rapprezentata f'dawn l-atti mill-**Avukat Jonathan Abela Fiorentino kif** intavolat fil-15 ta' Settembru 2021, li permezz tiegħu huwa talab lil Qorti sabiex:

1. *Taħtar amministratur provviżorju sabiex jamministra lis-soċjeta' intimata Melars Group Limited (C73465) sa dak iż-żmien li jsir ordni għal stralċ jew ir-rikors odjern ikun miċħud;*
2. *Tiddikjara u tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tas-soċjeta' intimata Melars Group Limited (C73465) skont is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 u s-subparagrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 214 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *Tordna l-istralċ mill-Qorti tas-soċjeta' intimata Melars Group Limited (C73465) skont id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta);*
4. *Tordna n-notifika tar-Rikors Promotur lir-Reġistratur tal-Kumpanniji skond is-Sub-Artikolu 8 tal-Artikolu 218 tal- Att Dwar Il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta);*
5. *Tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi s-soċjeta' intimata Melars Group Limited hija soċjeta' privata limitata li oriġinarjament kienet reġistrata ġewwa l-British Virgin Islands u sussegwentement ġiet reġistrata bħala li qed titkompla f'Malta mar-Reġistratur tal-Kumpanniji fl-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) bin-numru ta' reġistrazzjoni C73465 u dan kif jirriżulta mis-Certificate of Continuation tas-soċjeta' intimata maħruġ taħt l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta (kopja hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok A"**);*

*Illi s-soċjeta' intimata Melars Group Limited ġiet kostitwita bħala kumpannija privata limitata u dan kif inhu konfermat mill-istatut tagħha (kopja tal-Memorandum u l-iStatut ta' Assoċjazzjoni oriġinali tas-soċjeta' intimata hija hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok B**");*

*Illi permezz ta' rizoluzzjoni tal-membri tas-socjeta' intimata meħuda fid-9 ta' Diċembru 2018, il-Memorandum ta' Assocjazzjoni tal-istess socjeta' intimata ġie sostitwit fl-intier tiegħu (kopja hawn annessa u mmarkata "**Dok C**");*

*Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt attwali tas-soċjeta' intimata huwa ta' ħames t'elef Ewro (€5,000), liema kapital huwa maqsum f'ħames t'elef (5,000) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' Ewro (€ 1) kull sehem. Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt ta' Melars Group Limited ġie sottoskritt da parti tal-azzjonisti taghha,*

*in kwantu ghal erba' t'elef, disa' mija u disgħa u disgħin (4,999) sehem ordinarju sottoskritti minn Dmitry Kovalenko u in kwantu ghal sehem ordinarju wieħed (1) sottoskritt minn Trivette OU (vide estratt ta' l-Involved Parties tas-socjeta' Melars Group Limited meħud minn fuq is-sit elettroniku tar-Registratur tal-Kumpanniji, kopja hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok D**');*

*Illi s-soċjeta' rikorrenti Integral Petroleum SA hija kreditriċi tas-soċjeta' intimata Melars Group Limited fl-ammonti sussegwenti:*

1. *Fl-ammont ta' CHF 226,051.21 u GBP 33,890.50 u dan skont is-sentenza tal-Eastern Caribbean Supreme Court, High Court of Justice of the British Virgin Islands mogħtija fis-17 ta' Marzu 2020 (ara kopja tas-sentenza annessa u immarkata bħala **Dok E**)[1];*
2. *Fl-ammont ta' GBP 65,000 flimkien ma interessi u dan skont Partial Final Award tal-LCIA Arbitration No. 204571 datata 16 ta' Ġunju 2020 (ara kopja tal-Partial Final Award annessa u immarkata bħala **Dok F**); u*
3. *Fl-ammont ta' USD 641,118 skont Consent Award tal-LCIA Arbitration No. 204571 datata 18 ta' Diċembru 2020 (ara kopja tal-Consent Award annessa u immarkata bħala **Dok G**);*

*Illi nonostante l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas l-ammonti dovuti minnha, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti;*

*Illi jidher li l-qagħda finanzjarja tas-socjeta' intimata hija waħda prekarja u dan għaliex l-istess socjeta' intimata waqgħet f'sitwazzjoni irreparabbli fejn effettivament ma tistax tħallas id-djun tagħha, u dan hekk kif ser jiġi ippruvat waqt is-smiegħ u trattazzjoni tal-kawża. (Ara l-aħħar kontijiet annwali tal-kumpannija għas-sena finanzjarja li għalqet fis-sena 2018 annessi u mmarkati "**Dok H**") Fil-fatt jidher li l-qagħda finanzjarja tas-socjeta' intimata kompliet tmur ghall-aghar f'dawn l-aħħar snin billi hija naqset milli tippubblika Annual Reports u Audited Financial Statements għas-sena elfejn u dsatax (2019) u s-snin ta' wara;*

*Illi in vista tal-fatt li hemm numru ta' sentenzi deċiżi kontra s-soċjeta' intimata favur kemm is-soċjeta' rikorrenti kif ukoll favur kredituri oħrajn għal miljuni ta' Ewro u l-intimata kontinwament tivvinta skużi sabiex ma tħallasx l-ammont dovuti minnha, hemm bżonn li fil-perjodu bejn meta jiġi preżentat ir-rikors*

[1] L-ammont totali kanonizzat permezz tal-imsemmija sentenza huwa akbar minn dak indikat f'dan il-paragrafu stante illi parti mill-bilanċ ġie assenjat mir-rikorrenti lil terza persuna.

*odjern sa dak iż-żmien li jsir ordni għal stralċ jew ir-rikors odjern ikun miċħud, jiġi appuntat amministratur provvisorju;*

*Illi in vista ta' din is-sitwazzjoni, is-socjeta' rikorrenti qed titlob ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-socjeta' intimata minn dina l-Onorabbli Qorti skond is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 tal-Att Dwar Il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta).*

Rat ir-**Risposta** tas-soċjeta **Melars Group Limited**, intavolata fil-15 ta' Novembru 2021, li permezz tagħha hija eċċeppiet:

1. *Preliminarjament, s-socjeta esponenti teccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' dan il-kaz, stante illi ai termini tar-regolament 5A tal-Avviz Legali 396 tal-2003 , din il-kawza ghandha tinstema' mis-Sezzjoni tal-Kummerc ta' dina l-Qorti, billi titratta kawza ta' stralc regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) liema materja taqa' proprju fi hdan il-kompetenza tal-imsemmija Sezzjoni tal-Kummerc;*

2. *Illi fl-ewwel lok u kif jaf ben tajjeb ir-rikorrenti noe, id-diretturi tas-socjeta esponenti huma t-tnejn ta' nazzjonalita estona u ma jifhmux bil-lingwa Maltija, u dan kif jidher minn estratt tad-dettalji tal-kumpannija mehud mir-Registru Malti dwar in-Negozju (maghruf ahjar bhala MBR) pprezentat mar-rikors promotur bhala 'Dok D';*

3. *Illi huwa principju bazilari tal-ligi illi kull persuna ghandha d-dritt li tigi notifikata b'dokumenti f'lingwa illi hija tifhem biha, u dana sabiex tkun f'pozizzjoni illi tiddefendi ruhha wara li tkun fehmet l-import ta' tali dokumenti. Dan ma setax isehh f'dan il-kaz, u ghaldaqstant u ghat-tenur tal-Kap 189 tal-Ligjiet ta' Malta, saret talba lir-Registratur ghat-tenur tal-Artiklu 5(2) tal-Kap 189 sabiex issir traduzzjoni tar-rikors promotur mil-lingwa Maltija ghal dik Ingliza; konsegwentement, is-socjeta esponenti tirrizerva d-dritt illi tintavola risposta ulterjuri hekk kif tigi notifikata bit-traduzzjoni tad-dokumenti bil-lingwa Ingliza, kif inhu d-dritt taghha;*

4. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jigi zgurat illi d-dokumenti ezibiti flimkien mar-rikors promotur huma awtentikati kif jitolbu d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 628 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; konsegwentement u fin-nuqqas ta' dan, l-istess dokumenti mhumiex ammissibbli bhala prova tal-atti tal-Qorti Suprema tal-Karibew tal-Lvant u t-talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi michuda;*

5. ***Illi fit-tieni lok, fid-dawl tal-fatt li dan ir-rikors jikkonsisti minn proceduri ta' stralc intraprizi mis-socjeta rikorrenti abbazi tal-Artiklu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji, jigi rrilevat li ai termini tar-regolament 3(1) u (2) tal-Ligi Sussidjarja 386.24 ossia il Companies Act (Suspension of Filing for Dissolution and Winding Up) Regula-***

***tions li gew fis-sehh b'effett mis-16 ta' Marzu 2020, id-dritt tar-rikorrent bhala allegat kreditur tas-socjeta konvenuta sabiex jipprezenta dawn il-proceduri ai termini tal-Artiolu 214 u 218 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta gie sospiz bir-rizultat li proceduri ta' din in-natura ma setghux jigu intavolati. Illi dan il-provvediment ghadu fis-sehh u jibqa' effettiv sa erbghin (40) jum wara li l-On. Ministru responsabbli johrog l-ordni appozitu biex jitnehha. Illi galadarba dina l-ordni ghadha ma saritx ghandu jitqies li r-rikorrent ma kellux u m'ghandux jedd li jintavola dawn il-proceduri, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjuzzjoni ulterjuri tar-rikors odjern jew fl-ahjar eventwalita tordna s-sosspensjoni ta' dawn il-proceduri sine die***;[2]

6. *Illi fuq linja preliminari wkoll jinghad li dawn il-proceduri huma abbuzivi u vessatorji ghall-ahhar u li huma parti minn skema adoperata mis-socjeta rikorrenti sabiex jezawrixxu r-rizorsi finanzjarji tas-socjeta esponenti. Illi hekk kif ser jigi spjegat fil-mori tal-kawza, is-socjeta esponenti kienet vittma ta' atti frawdolenti diretta mis-socjeta rikorrenti u ma' nies/kumpanniji terzi assocjati mar-rikorrenti, li spiccaw mertu ta' numru ta' kazijiet u sentenzi kemm quddiem qrati barranin (gewwa l-BVI, l-Ingliterra u l-Isvizzera) u kif ukoll quddiem il-Qrati nostrani, inkluza fost l-ohrajn il-kawza bin-numru ta' referenza 11/2021/ISB pendenti quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Kummerc, fejn fiha l-istess rikorrent diga qieghed jitlob l-istralc (flimkien mal-hatra tal-amministratur provvizorju) tal-istess socjeta esponenti;*

7. *Illi t-talba ghal stralc fil-proceduri 11/2021/ISB hija wkoll bbazzata fuq l-allegat nuqqas ta' kapacita tas-socjeta intimata esponenti li thallas id-djun taghha ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii). Illi ghalkemm l-premessa fl-imsemmija kawza hija differenti minn tal-kawza odjerna, stante li din giet bbazata fuq l-artikolu 214(5)(b), jigi rrilevat li it-titoli u jeddijiet vantati mis-socjeta rikorrenti – li 'lkoll huma kkuntestati mill-esponenti - fundamentalment jemanaw mill-istess fatti. Illi t-talba ghall-istralc ta' socjeta hija wahda ta' natura eccezzjonali li ghandha titqies b'kawtela u ghalhekk, jkun ferm assurd u ngust li jinstema' dan ir-rikors bir-rizultat li tinholoq duplikazzjoni ta' proceduri simili li jkunu qed jinstemghu fl-istess waqt. Ghaldaqstant jigi eccepit din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet billi tastjeni milli tihu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern jew fl-ahjar eventwalita tordna t-trasferiment tal-kawza jew is-smiegh kongunt tal-imsemmija kawzi ai termini tal-Artikolu 792 u/jew 793 tal-Kap.12;*

8. *Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti stante li mhuwiex minnu illi s-socjeta esponenti hija fi stat insolventi u li mhix kapaci thallas id-djun taghha, u f'kull kaz jispetta lis-socjeta rikorrenti illi jipprova dak li qieghed jallega;*

9. *Illi is-socjeta rikorrenti m`ghandiex l-interess guridiku u l-locus standi necessarju sabiex tressaq din il-kawza ai termini tal-Artikolu 218(1) tal-*

[2] **BOLD** – emfasi tal-Qorti peress illi din is-sentenza titratta BISS d-determinazzjoni ta' din l-eccezzjoni

*Kap 386 u dan ghaliex s-socjeta intimata esponenti qeghda tirrespingi bil-qawwa kollha l-istatus ta 'kreditur' vantat minnha, kif ser jigi spjegat f'hafna izjed dettall fil-mori tal-kawza odjerna. Illi abbazi tal-fatt illi jezistu proceduri separati u pendenti li jirrigwardaw l-bazi tal-krediti vantati mis-socjeta rikorrenti, l-Onorabbli Qorti b'kull rispett ghandha zzomm lura milli f'dan l-istadju tqis il-mertu tat-talbiet rikorrenti sakemm jigi decizi l-kawza principali bejn il-partijiet fil-forum appoziti;*

10. *Illi b'allacjament mas-suespost jigi eccepit li l-proceduri ta' stralc in kwantu huma bbazati unikament fuq proceduri u sentenzi ossia decizjonijiet, li nghataw barra minn Malta u li jissemmew fir-rikors promotur, ma jistghux jissussistu dment illi dawn m'humiex enforzabbli hawn Malta u li fi kwalunkwe kaz dawn ma humiex rikonoxxuti mis-socjeta esponenti li qed tikkontestahom fuq diversi binarji;*

11. *Illi in oltre, b'riferenza partikolari ghall-proceduri ta' arbitragg imsemmija fir-rikors promotur bin-numru (2) u (3), jirrizulta illi dawn gew transatti (u sussegwentement decizi abbazi ta' dina t-transazzjoni) a skapitu tas-socjeta esponenti mill-individwi illi kienu gew appuntati bhala stralcjarji ta' Melars Group Limited gewwa l-Ingilterra fuq talba tas-socjeta affiljata mas-socjeta rikorrenti (ossia East West Logistics), wara decizjoni tal-High Court tal-Ingilterra illi ordnat ix-xoljiment tas-socjeta esponenti. Tali decizjoni u ordni kienu gew rrevokati mill-Qorti tal-Appell l-Ingilterra stess ftit xhur wara u ghalhekk huma kkontestati mis-socjeta esponenti, li fi kwalunkwe kaz qed tikkunsidra l-pozizzjoni taghha fil-konfront taghhom u tirrizerva d-drittijiet kollha taghha f'dan ir-rigward;*

12. *Illi dak li ma ssemmix is-socjeta rikorrenti hija r-retroxxena tal-pendenzi kbar u gravi bejn iz-zewg socjetajiet inkluz il-fatt li hemm pendenti proceduri kriminali fil-konfront ta' Murat Seitnepesov, il-fundatur u direttur tal-istess socjeta rikorrenti in konnessjoni mal-fatti sopracitati u ma' dawn il-pendenzi. Illi di fatti nhargu akkuzi kriminali fil-konfront tieghu u ser jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali gewwa Geneva fis-17 u t-18 ta' Jannar 2022, u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

13. *Illi f'kaz illi r-rikorrenti jinstab hati minn tali akkuzi miġjuba fil-konfront tiegħu, is-sentenzi esteri li fuqhom huma bbazati dawn il-proceduri kif ukoll proceduri ohra li saru f'diversi gurizdizzjonijiet jistghu jigu annullati, u dan abbażi tal-prinċipju universali ta' fraus omnia corrumpit;*

14. *Illi ghalhekk, dawn il-proceduri jirrapprezentaw ritaljazzjoni illegali intraprizi mis-socjeta rikorrenti sabiex tittenta twaqqaf lis-socjeta esponenti milli tipprocedi bl-azzjonijiet taghha fil-qrati barranin. Illi bizzejjed wiehed josserva illi s-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Karibew tal-Lvant tas-17 ta' Marzu 2020 imsemmija fir-rikors promotur bin-numru (1), ghalkemm fl-ismijiet Integral Petroleum S.A. vs Melars Group Limited din tinkludi ordnijiet sabiex is-socjeta esponenti ma tiehu ebda azzjoni f'ebda gurizdizzjoni fid-dinja fil-konfront ta' Dartex Trade Limited u sabiex is-socjeta esponenti tirtira l-allegazzjonijiet maghmula minnha fil-Geneva Office des Poursuites fil-konfront ta' Murat Seitnepesov, meta dawn iz-zewg entitajiet/persuni lanqas ma kienu parti fil-kawza. Ghaldaqstant, dan*

*il-fatt wahdu jixhet dell fuq il-legalita tas-sentenza nnifisha li minhabba dan il-fatt wahdu, x'aktarx lanqas hija legali u enforzabbli f'gurizdizzjonijiet ohra, inkluza Malta;*

15. *Fl-ahhar nett, s-socjeta esponenti tirrileva wkoll, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, illi l-pozizzjoni attwali taghha hija r-rizultat tal-fatt illi tinsab f'morsa vendikattiva ta' azzjonijiet legali f'erbgha (4) gurisdizzjonijiet differenti, li huma intizi biss sabiex jaghsru s-socjeta esponenti u jwaqqfuha milli tkompli tiggieled ghad-drittijiet taghha ( u topera fil-qasam taghha). Filwaqt illi s-socjeta esponenti izzomm ferm it-talba taghha ghal traduzzjoni tar-rikors promotur u jirrizerva illi jipprezenta risposta ulterjuri wara li jigi notifikat bl-istess traduzzjoni, jeccepixxi illi ghandhom jirrizultaw ragunijiet validi skond il-ligi Maltija sabiex it-talba tar-rikorrenti tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u minghajr pregudizzju ghall-proceduri pendenti f'gurizdizzjonijiet ohra;*

16. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u tenut kont tal-fatti partikolari tal-kaz, din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet rikorrenti u tezercita f'dan is-sens id-diskrezzjoni moghtija lilha ai termini tal-artiklu 214 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

17. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2022, il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijijiet fil-mertu, din il-Qorti għandha tagħti deċiżjoni *in parte* dwar l-eċċezzjoni mogħtija fil-paragrafu ħamsa tar-risposta tas-soċjeta intimata Melars Group Limited.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2022, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi m'għandhomx provi xi jressqu fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari u rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza *in parte* u dan wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-**soċjeta intimata** Melars Group Limited tikkontendi li in vista tal-provedimenti tar-Regolament 3(1) u (2) tal-Liġi Sussidjarja 386.24 *ossia* l-*Companies Act (Suspension of Filing for Dissolution and Winding Up) Regulations*, id-dritt tar-rikorrent bħala allegat kreditur tas-soċjeta` konvenuta sabiex jippreżenta dawn il-proċeduri ai termini tal-Artikoli 214 u 218 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sospiż bir-riżultat li proċeduri ta' din in-natura ma setgħux jiġu intavolati u għalhekk ir-rikorrent noe. m'għandux il-jedd li jintavola dawn il-proċeduri.

**Illi irid jinghad mill-bidu, illi ghalhekk dak li qed tghid il-Qorti f'din is-sentenza in parte mhux u ma ghandux jigi miftiehem jew interpretat illi l-Qorti dahhlet jew qed tesprimi ruha fuq il-mertu tal-vertenza, izda dak li qed hawnekk**

**jinghad qed jinghad biss ghall-finijiet ta' dak hawnekk trattat u deciz b'mod parzjali.**

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-Regolament numru 3 tal-**Liġi Sussidjarja 386.24** intitolata *Companies Act (Suspension for Filing for Dissolution and Winding Up) Regulations* jgħid is-segwenti:

> ***3**.(1) The right granted under article 218 of the Act to any debenture holder, creditor or creditors to file for the dissolution and consequential winding up of a company in terms of article 214 of the Act is being suspended, and shall remain so suspended for a period of forty (40) days following an order of the Minister to lift such suspension.*
>
> *(2) Any action or proceeding in court for the dissolution and winding up of a company in terms of article 214 of the Act filed in the Registry of Courts and Local Tribunals by any debenture holder, creditor, or creditors on or after 16th March, 2020 shall be stayed for a period of forty (40) days following an order of the Minister to lift such a stay.*
>
> *(3) Notwithstanding the provisions of sub-regulations (1)and (2), the suspension or stay in terms of this regulation shall not prejudice the power of the Court to order the filing or hearing of applications in terms of article 214 and article 218 of the Act, whenever it is satisfied prima facie that the circumstances claimed in the application for winding up of the company arose prior to the 16th March 2020.*

Illi filwaqt illi jigi rilevat illi ma hemmx verzjoni ta' dan l-Avviz Legali bil-lingwa Maltija, jidher ukoll illi sal-llum dan l-Avviz Legali ghadu fis-sehh u ma tnehhiex. F'dan il-kuntest ukoll u fil-kuntest tar-raguni ghaliex gie pubblikat l-Avviz de quo imma ukoll ic-cirkostanzi prelevanti tal-llum, din il-Qorti ser tiehu l-okkazjoni b'din is-sentenza parzjali illi twassal il-messagg taghha (ormai ghal darb'ohra) sabiex l-Awtoritajiet kompetenti ihassru l-Avviz Legali 373/2020 u ukoll jirregolaw b'mod car u preciz il-proceduri ta' xjoljiment illi fil-frattempt setghu gew pprezentati nonostante dan l-Avviz Legali sabiex din il-Qorti ma jkolliex ghalfejn tinhela f'decizjonijiet u provvedimenti inutili.

Il-Qorti thoss illi filwaqt illi kien hemm ghan car ghaliex dan l-Avviz Legali gie pubblikat, u filwaqt illi kienet azzjoni f'waqtha u tajba da parti tal-Awtoritajiet koncernati meta gie pubblikat dan l-Avviz Legali, b'dana kollu il-mod kif illum hija gesitata l-pandemija tal-Covid19, partikolarment ukoll fl-isfond ta' kif adattat il-Qorti tal-Gustizzja u l-proceduri quddiemha u anke n-negozju f'pajjizna, il-Qorti jidhrilha illi l-Awtoritjiet koncernati ghandhom serjament jaraw jekk dan l-Avviz Legali ghandux jitnehha, inoltre` kif sar b'Avviz Legali ohra relatati ma' sospensjoni ta' proceduri u termini minhabba l-pandemija li laqtitna f'Marzu 2020.

Il-Qorti thoss serjament illi dan l-Avviz Legali 373/2020 ma ghandux aktar siwi illum u thoss ukoll illi l-legislatur ghandu jara illi l-ligi tissana minghajr il-bzonn u l-htiega ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti dawk il-proceduri ta' stralc kollha li gew intavolati fil-

perjodu illi kien fis-sehh dan l-Avviz Legali, u dan qed jinghad peress illi l-effetti tal-pandemija fuq in-negozju u l-andament taghhom u kif ukoll fuq il-proceduri legali u s-sospensjoni tal-ftuh tar-Registru tal-Qrati kien limitat u issa ormai sorpassat. Inoltre` fix-xhur li ghaddew tnehhew il-mizuri kollha relattivi ghall-pandemija mill-Qrati ta' Malta.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi bħala fatti jirriżulta:

- Illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati fil-15 ta' Settembru 2021, u ċioe` wara s-16 ta' Marzu 2020, li hija d-data indikata fl-Avviz Legali.

- Illi jirriżulta b'mod ċar minn qari tar-rikors promotur li r-rikorrenti noe. intavola dawn il-proċeduri għax-xoljiment tas-soċjeta` intimata wara illi ressaq il-pretensjoni ta' kreditu kanonizzat tiegħu fil-konfront tal-istess soċjeta' intimata.

- Illi minn qari tar-rikors promotur u mid-dokumenti hemmek annessi jirriżulta li l-kreditu tar-rikorrenti noe. jirriżulta minn sentenza tal-*Eastern Caribbean Supreme Court, High Court of Justice of the British Virgin Islands* mogħtija fis-**17 ta' Marzu 2020**, minn *Partial Final Award tal-LCIA Arbitration No. 204571* datata **16 ta' Ġunju 2020** u minn *Consent Award tal-LCIA Arbitration No. 204571* datata **18 ta' Diċembru 2020**.

Illi, konsegwentament jirriżulta li *prima facie* r-rikorrenti noe. ma kienx kreditur tas-soċjeta` intimata qabel is-16 ta' Marzu 2020 u għalhekk ma kinux qabel dik id-data jeżistu ċ-ċirkostanzi li jwasslu lir-rikorrenti noe. sabiex jitlob ix-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta` intimata.

### Ikkunsidrat Ultrjorment:

Illi t-talbiet li qed iressaq ir-rikorrenti noe. huma bbazati fuq zewg provvedimenti tal-ligi, ossia l-Artikolu 214(2)(a)(ii) u 214(5)(b) tal-KAP 386, tant illi t-tieni talba fir-rikors promotur, li jsegwu l-premessi mressqa, jaghmlu referenza specifika ghal dawn iz-zewg provvedimenti meta issir it-talba ghax-xoljiment u konsegwenti stralc.

Illi l-**Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386** jitratta sitwazzjoni fejn ikun hemm allegazzjoni li *l-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha* u dan l-Artikolu 214(2)(a)(ii) irid bilfors issir jinqara mas-sub-inciz (5) tal-Artiklu 214 li jistupula zewg xenarji fejn kumpannija li taghha jkun qed jintalab l-istralc u x-xoljiment ghandha titqies illi ma tkunx tista' thallas id-dejn taghha.

Fl-ewwel lok meta *id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma tħallasx għal kollox jew f'parti wara erbgħa u għoxrin ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

jew fit-tieni lok meta *ikun ippruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha, meta din tqis ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tal-kumpanija*.

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti noe. ma specifikax taht liema miz-zewg xenarji kontemplati bl-Artikolu 214(5) qieghed iressaq l-azzjoni tieghu, u l-Qorti ma tistghax teskludi illi ressaq l-azzjoni tieghu bil-ghan illi jipprova z-zewg xenarji.

In kwantu l-ewwel xenarju, fuq il-provi prodotti, il-Qorti tista' tiddikjara illi fuq livell *prima facie*, c-cirkostanzi li wasslu ghall-azzjoni bilfors illi sehhew wara s-16 ta' Marzu 2020, peress illi ma jirrizultax illi qabel id-dati tas-sentenzi esebiti mar-rikors promotur u msemmija fir-rikors kienu inghataw – allura wisq anqas setghet is-socjeta' rikorrenti, tittenta tenforza t-titolu ezekuttiv taghha.

In kwantu t-tieni xenarju pero`, ossia illi l-kumpannija intimata ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, il-Qorti ma tistax thalli inosservat illi mill-provi prodotti sa issa, u dan l-apprezzament qed taghmlu fuq livell *prima facie*, jirrizulta, kif ighid fl-affidavit tieghu Vitaliy Kozachenko, illi s-socjeta' intimata pprezentat l-ahhar rendikonti finanzjarji taghha lill-awtoritajiet kompetenti fis-sena 2018 u f'dawn ir-rendikonti ma hemm ebda provvizjoni ghall-pendenzi illi hija kellha mas-socjeta' attrici. Ukoll jirrizulta mill-atti illi l-proceduri fil-Qrati esteri ghall-istralc tal-kumpannija intimata kienu ilhom mibdija sa' minn Lulju 2016, bbazati ukoll fuq inabilita' illi hija thallas id-djun taghha. L-ezitu ta' proceduri mehuda fil-BVI (fejn kienet registrata qabel is-socjeta' intimata) huma ukoll maghrufa, u l-Qrati hemmek kienu ddecidew illi l-kumpannija intimata kellha tigi xjolta ghaliex ma kinitx solventi. Jidher illi dik id-decizjoni ma nghatatx effett biss peress illi l-kumpannija intimata giet rilokata lejn Malta.

Il-Qorti trid tosserva illi l-affidavit ta' Vitaliy Kozachenko ma gie b'ebda mod kontradett mis-socjeta' intimata.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta illi fuq livell *prima facie* jezistu cirkostanzi li jmorru lura ghal qabel id-data prefissa bl-Avviz Legali applikabbli.

Ukoll minghajr ma tidhol f'wisq dettaljii u minghajr ma tesprimi ruhha dwar jekk hemmx ragunijiet gravi bizzejjed ghax-xoljiment jew le, mill-provi prodotti fuq livell *prima facie*, il-Qorti tqis illi jimmerita illi hija tara f'aktar dettall jekk jezistux tassew dawn ir-ragunijiet biex iwasslu ghax-xoljiment u konsegwenti stralc, illi fuq livell *prima facie*, jirrizultaw illi kienu jissussistu qabel is-16 ta' Marzu 2020.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk, il-Qorti qed tuza d-diskrezzjoni taghha u kif ukoll il-poter lilha moghti bil-ligi u bl-Avviz Legali msemmi u tordna illi ghandu jinstema' s-smigh tal-kawza fit-totalita' taghha u ghalhekk ser tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq diskuss u kkunsidrat, il-Qorti qeghda:

a) **Tordna** l-prosegwiment tas-smigh tar-rikors;

b) **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex a spejjes tieghu jinnotifika din i-sentenza lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja, dak responsabbli mis-Sahha Pubblika u dak responsabbli mill-Kummerc, sabiex fid-dawl anke ta' dak hawn fuq dikjarat u kkunsidrat, jaraw hux lok illi jnehhu u jikkancellaw l-Avviz Legali 373/2020, anke jekk hemm bzonn, billi jhassru l-effetti tal-40 jum hemmek msemmija. Il-Qorti tosserva illi dan gja sar bin-notifika tas-sentenza in parte taghha tad-9 ta' Mejju 2022 (Rik. 76/2020 ISB), izda ftit jidher illi l-awtoritajiet koncernati taw kaz.

Bl-ispejjes ta' din l-istanza li jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**